MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.<br>GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 89/2005

**Fenech Xavier**

**vs**

**Fenech Dominic**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Thallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) dovuti ghal xoghol u materjal fuq partition tal-aluminium li sar fua in karigu tieghek Domenic Fenech.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjes tal-ittra interpellatorja tat-23 t’Awissu 2005 u tal-ittra ufficjali ta’ Settembru 2005.”

Ra l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tal-konvenut li preliminarjament, l-esponenti qieghed jecepixxi l-

preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi xoghol u materjal fuq partition ta’ aluminium sar mill-attur aktar minn sitt snin ilu.

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi billi:

1. Il-konvenut naqas li jindika artiklu précis li fuqu qieghed jibbaza l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni. Huwa eccepixxa, b’mod vag ghall-ahhar, li kien qieghed jistrieh fuq l-artiklu 2148 *et seq* ta’ Kap 16. Il-gurisprudenza taghna stabbiliet li mhux biss irid jigi kkwotat l-artiklu précis, imma wkoll is-subartiklu jew paragrafu pertinenti.

2. Il-konvenut xehed li m’ghandux ihallas billi kien hemm tpacija(ara fol 16) – stqarrija li hija nkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u sservi ta’ interruzzjoni jew, skond il-kaz, rinunzja ghall-istess – **Guido Vella A & C.E. vs Dr Emanuel Cefai LL.D. –Qorti tal-Appell, 05.10.2001.**

3. Hemm konflitt ta’ provi dwar id-data meta sar ix-xoghol, liema konflitt jimmilita kontra l-konvenut ghax jinkombi fuqu li tigi stabbilita tali data u l-konsegwenzjali dekorriment tat-terminu.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni qieghdha tigi respinta

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------